MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Numru. 14/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**NOEL AZZOPARDI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Noel Azzopardi ta’ 25 sena bin Anthony u Giorgia nee` Caruana imwieled Pieta` fid-19 ta’ Dicembru 1978 u residenti Nru 1, ‘Mayfair Flats’, Triq Birkirkara, San Giljan, Malta (Karta ta' l-Identita` Numru 203779 G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-24 t’ Awissu 2003 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu raza mehdua mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjoni li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-Fiat ta' l-Avukat Generali datat 10 ta' Marzu 2004 u esebit f'dawn l-atti bhala Dokument 'CSH' sabiex dawn il-proceduri jittiehdu kontra l-istess imputat bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-esami li sarlu ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tlettax ta' Mejju, 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-imputat insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu u din giet registrata nhar it-tlettax ta' Mejju, 2004.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena l-Qorti rat il-fedina penali ta' l-imputat minn fejn jirrizulta illi l-imputat diga` nstab hati f'akkuza simili bhal din u cioe` ta' pussess ta' droga f'zewg okkazzjonijiet fis-sena 2000 meta nghata darba minnhom piena ta' probation u darba ohra inghata piena ta' prigunerija. Nonostante dan l-imputat ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu u rega' kiser dufrejh mall-Qorti tant li jinsab rinfaccjat bl-istess tip ta' akkuza u cioe` pusess ta' droga.

Mill-banda l-ohra pero l-Qorti rat il-ko-operazzjoni ta’ l-imputat u cioe` l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri anke qabel ma gew inizjati kif jirrizulta mir-rilaxx ta’ l-istqarrija tieghu a tempo vergine ta’ l-investigazzjoni tal-pulizija datata 25 t’Awissu 2003 u ghalhekk tali koperazzjoni zgur li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni meta din il-Qorti tigi biex tapplika l-piena.

Ghaldaqstant, rat l-artikoli tal-Ligi, partikolarment l-artikolu 8 (a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddeciedi billi tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta’ tmintax (18)-il xahar, liema perjodu qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ sentejn bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28 (A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas spejjez tal-perizja, stante li ma lahqitx saret perizja f’dan il-kaz.

Tinnomina lix-xjentist Godwin Sammut jirtira minn dawn l-atti d-dokument esebit kontenenti ammont insignifikanti ta’ droga bil-ghan li jiddistruggih.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------